MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1206/2002

**Bay Street Holdings Ltd**

**Vs**

**Electtelle House Ltd**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' hmistax-il elf mija u tmintax-il Lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm15,118.78) rapprezentanti l-valur ta' Operational Fees, Service Charges u spejjez ohra konessi u interessi dovuti minnha, kif jidher ahjar fil-propost hawn anness u dan ai termini

tal-kuntratt ta’ bejniethom datat l-ewwel ta’ Gunju, 2001, kopja tieghu hawn annessa ;

Premess illi, avolja interpellata biex thallas dan l-ammont, anki ufficjalment permes tal-ittra ufficjali datata t-tmintax ta’ Ottubru, 2002, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallset xejn ;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, press li d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta’ attrici s-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti ghat-talba ta’ l-istess socjeta’ attrici;

Premess illi s-socjeta’ konvenuta ghalkemm interpellata diversi drabi ghall-hlas baqghet inadempjenti; u

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti biex dispensat is-smiegh tal-kawza skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 167 et. Seq. Tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta’ Malta, u in vista ta’ l-affidvit guramentat hawn annessa u mmarkata bhala dok A;

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba, bid-dispenza tas-smiegh;

2. Tiddikjara illi s-socjeta’ konventa hija debitrici tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ hmistax-il elf mija u tmintax –il Lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm15,118.78) rapprezentanti l-valur ta’ Operational Fees, Service Charges u spejjez ohra konessi u interessi dovuti minnha, u dan ai termini tal-kuntratt ta’ bejniethom datat l-ewwel ta’ Gunju, 2001,

3. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hmistax-il elf mija u tmintax-il Lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm15,118.78) rapprezentanti l-valur ta’ Operational Fees, Service Charges u spejjez ohra konessi u interessi dovuti minnha, u dan ai termini tal-kuntratt ta’ bejniethom datat l-ewwel ta’ Gunju, 2001,

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata it-tmintax ta' Ottubru,2002 u l-mandat ta' sekwestru u ta' qbid Numri 2110/02 u 2111/02 rispettivament u bl-interessi legali .

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci.

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

-------------------------------TMIEM-------------------------------